# Pietro Gagliardi u ż-Żmien Tiegħu f'Malta

Pietro Gagliardi huwa wieħed mill-pitturi ta' l-aħħar nofs tas-Seklu Dsatax fix-xena artistika ta' Malta. Ismu hu marbut ma' dak tar-raħal tal-Gudja minħabba l-fatt li, hawn insibu xi xogħol tiegħu fil-Knisja Parrokkjali. Matul iż-żmien li dam jgħix fi gżiritna, Gagliardi ħalla bosta xogħlijiet importanti illi llum qegħdin iżejnu ħafna mill-knejjes ta' pajjiżna. Iżda għalkemm dan il-pittur kien meqjus fi żmienu stess bħala pittur importanti, ftit informazzjoni teżisti dwaru u dwar ħidmietu. Għalhekk, biex wieħed jifhem lil Gagliardi u l-arti tiegħu, għandu jifhem qabel xejn il-perjodu li matulu Gagliardi għex u ħadem.



*Il-Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu. Pittura ta' Pietro Galgiardi - 1879*

**Ix-Xena Artistika f'Malta fl-aħħar nofs tas-Seklu Dsatax**

Wara l-mewt ta' Giuseppe Hyzler (1793-1858)[1] li x'aktarx kien l-iżjed pittur prolifiku Malti tas-Seklu Dsatax, il-pitturi Maltin kellhom iħabbtu wiċċhom ma' kompetizzjoni qawwija li kienet ġejja minn artisti barranin, l-aktar Taljani, illi wara diversi kuntatti ma' nies prominenti f'pajjiżna, bdew jaslu f'Malta u jieħdu l-aktar xogħlijiet importanti minn idejn il-pitturi lokali[2]. Dan kollu wassal sabiex ix-xena artistika ta' Malta f'dawn iż-żminijiet, tkun maħkuma mill-pitturi barranin illi kellhom suċċess kbir fuq il-Maltin. Ir-relazzjoni bejn l-artisti lokali u dawk stranġieri bdiet sejra mill-ħażin għall-agħar, sakemm fl-aħħar tkissret għal kollox meta fl-1859[3] l-aktar biċċa xogħol importanti, jiġifieri l-pittura tal-koppla tal-Katidral ta' l-Imdina ġiet fdata f'idejn Giovanni Gallucci (1815-1882) għas-somma kbira ta' 3000 skudi[4]. Il-pitturi Maltin kienu bla dubju ta' xejn irrabjati għal din l-għotja, u kellhom raġun għaliex ikunu, speċjalment meta wieħed iqis illi dan Gallucci kien pittur ta' ftit talent u medjokri aktar minn uħud mill-pitturi lokali.

**Ħajtu u ħidmietu**

Pietro Gagliardi kien wieħed minn dawn il-pitturi Taljani li stabbilew irwieħhom f'Malta. Nafu illi twieled f'Ruma fl-1809[5] u wara, studja fl-Accademia Di San Luca, waħda mill-iżjed skejjel prestiġjużi ta' l-arti fl-Italja[6]. Insibu illi wara li lesta l-istudju tiegħu, ġie fdat b'diversi xogħlijiet importanti li permezz tagħhom, Gagliardi kiseb il-fama ta' pittur b'talent kbir. Fost dawn ix-xogħlijiet f'Ruma stess, insibu l-affreski tiegħu fil-Bażilika ta' San Paolo Fuori Le Mura[7]kif ukoll, fil-Knisja ta' Sant' Agostino fejn pitter ħames profeti ħdejn l-"*Elija*" ta' Raffaello, wieħed mill-aqwa pitturi ta' kull żmien[8]. Gagliardi, għaraf mill-bidu kif iwarrab il-veriżmu li kien tant popolari f'dak iż-żmien speċjalment, fl-iskola ta' l-istil immexxi minn Carmuccini sabiex japplika l-manjiera opposta ta' Tommaso Minardi, li kienet mimlija ħlewwa, serenità u femminilità. Dan wassal biex ix-xogħol tiegħu ġie milqugħ mill-ewwel u, l-fama ta' Gagliardi xterdet mal-Ewropa kollha[9], saħansitra f'Malta, fejn ħafna xtaqu jkollhom xi xogħol minn idejh. L-iżjed bniedem li kien strumentali għall-miġja ta' Pietro Gagliardi f'Malta kien il-Monsinjur Paolo Pullicino li, kien wieħed mill-

aktar nies esponenti fl-Arti kontemporanja u, li kien dejjem attent sabiex joħloq kuntatti ma' l-aqwa pitturi ta' żmienu[10].

**Gagliardi f'Malta**

Gagliardi wasal Malta kmieni fit-tieni nofs tas-seklu flimkien ma' pitturi Taljani oħra fosthom, Francesco Grandi (1831-1891) u Domenico Bruschi (1840-1910)[11]. L-ewwel xogħol tiegħu f'pajjżna kien pittura żgħira ta' "Madonna bil-Bambin" li saret fl-1868 u li illum, tinsab fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina[12]. Din il-pittura turi biċ-ċar l-istil mimli ħlewwa ta' Gagliardi, fejn jirnexxielu joħloq rabta materna mimlija imħabba bejn Marija u binha Ġesù. Din il-pittura hi importanti minħabba l-fatt li, kienet l-ewwel waħda ta' dan l-istil ġdid f'Malta filwaqt li tat xejra ġdida lill-Arti Reliġjuża f'pajjiżna.

Gagliardi mill-ewwel beda jingħata xogħlijiet importanti fosthom,"'Il-Madonna ta' l-Anġlu Kustodju," fil-Katidral ta' l-Imdina. Meta l-Maltin raw ix-xogħol ta' Gagliardi mill-ewwel issaħħru b'tali mod illi, l-knejjes tagħna bdew jimtlew bix-xogħlijiet tiegħu. Barra minn dawk li diġà semmejna, insibu xogħlijiet oħra ta' Gagliardi fil-Katidral tar-Rabat Għawdex, fil-knisja ta' Santu Wistin u tal-Patrijiet Konventwali fil-Belt Valletta, fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Minuri fl-Imdina, il-kwadru titulari fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien. Barra minn dawn, Gagliardi għamel ukoll iż-żewġ kwadri fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija tal-Gudja[13].

Dawn iż-żewġ kwadri tal-Gudja saru qrib ħafna ta' xulxin bejn l-1877 u l-1879. L-ewwel li sar kien dak titulari ta' "Marija Imtella' s-Sema", kwadru mill-aktar artistiku li fih Gagliardi joħroġ il-massimu tiegħu f'dak li hu kulur u kompożizzjoni. Fih naraw il-Madonna li tiddomina fin-nofs tal-kwadru, tiela' fil-Glorja mgħejjuna mill-arkanġli Mikiel u Gabriel, wieħed fuq kull naħa. Dan il-kwadru huwa iffirmat fin-naħa t'isfel, fuq il-lemin, bl-iskrizzjoni: "Pietro Gagliardi dip. 1877". Il-kwadru l-ieħor, li jinstab fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja huwa dak tal-"Madonna tal-Karmnu". F'dan il-kwadru li, bħal ta' qablu hu iffirmat u bid-data 1879, Gagliardi jżomm ħafna mill-karatteristiċi tat-titular, bħalma huma l-figuri tal-arkanġli li hawn jidhru bl-istess ilbies u bl-istess kuluri. Bħalma għamel fil-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet tiegħu, f'dawn it-tnejn ukoll, Gagliardi jipprova jqanqal l-imħabba sinċiera ta' min jara l-pittura tiegħu, lejn il-Mulej.

* * *

X'aktarx li l-aħħar snin ta' ħajtu Gagliardi għaddihom lura f'pajjiżu, fl-Italja. Huwa baqa' meqjus bħala pittur ewlieni tant illi, xi *bozzetti* tiegħu ġew magħżula sabiex jagħmlu parti mill-esebizzjoni fil-Galleria dell'Arte Moderna, f'Ruma. Pietro Gagliardi miet fil-belt żgħira ta' Frascati qrib Ruma fl-1890[14].

**Cyprian P. Dalli**

*Cyprian P. Dalli huwa student ta' l-Istorja ta' l-Arti fl-Università ta' Malta.*

**Referenzi**

1. Buhagiar, M. *The Iconography of the Maltese Islands (1400-1900: Painting)*, Malta, 1987. Pg. 175.
2. Espinosa Rodriguez, A., *The Artistic Environment in Nineteenth Century Malta*, Malta, 1987. Pg. 12.
3. Buhagiar, M., op. cit.
4. Espinosa Rodriguez, A. *The Painting of the Dome at Mdina: A Case Study of Ecclesiastical and Artistic Patronage in Malta in the 19th and Early 20th Centuries*, 'Proceedings of the History Week', Malta, 1986.
5. Can. Cap. Caruana dei Conti Gatto, V., *Malta Artistica Illustrata*, Malta, 1905. Pg. 125, 126.
6. Gauci, G. (et.al.), *Sacred Art in Malta (1890-1960)*, Malta, 1990. Pg. 30.
7. Bonello, V., *La Madonna Nell'Arte, Malta*, 1949. Pg.44,45.
8. Can. Cap. Caruana dei Conti Gatto, V., op.cit.
9. Ibid. P. 125.
10. Ibid. Pg. 125, Achilles Ferres, kittieb ta' Storja tal-Knisja f'Malta iddedika lil Mons. P. Pullicino x-xogħol tiegħu. (Ara Ferres, A., *Storia Ecclesiastica Di Malta Raccontata in Compendio*, Malta, 1877).
11. Fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja insibu wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' Bruschi matul il-ħidma tiegħu f'Malta: il-kwadru ta' "Il-Mewt ta' San Ġużepp" illi sar fl-1884.
12. Gauci G., op. cit. Pg. 30.
13. Can. Cap. Caruana dei Conti Gatto., op. cit. pg. 125, 126.
14. De Piro, N. *The International Dictionary of Artists Who Painted in Malta*, Malta, 1988. Pg 99.